MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Numru. 8/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**George Baldacchino**

Il-Qorti ;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **George Baldacchino** bin Emanuel u Carmen *nee'* Baldacchino, mwieled Pieta' fis-27 tas' Gunju, 1971, residenti 'Our Own', Triq Ruzar Mizzi, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 263171M;

Talli fis-16 ta' Lulju, 2003, u matul is-snin precedenti bhala detentur tal-fond 93, "Our Own", Triq Ruzar Mizzi, Mosta , b'diversi azzjonijiet maghmulin minnek, fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligiu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, kissirt il-gumni tas-servizz elettriku u cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollok l-uzu jew il-konsum elettriku, li bihom stajt twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew ikkonsmata kkomettejt serq tal-kurrent elettriku ta; valur aktar minn Lm1,000, liema serq hu aggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet il-provi u rat l-atti tal-kawza;

Tirrilevi illi din il-Qorti mhix ser tehli wisq hin fuq dan il-kaz ghaliex fl-ewwel u uniku seduta rrizulta manifest illi ma kienx hemm ebda serq da parti tal-imputat u li qatt ma misshom ittiehdu proceduri kontra l-imputat;

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------